4 ta' Diċembru, 1954

Imħallef :

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giorgina Formosa

**Offiża għall-Pudur u l-Morali Publika — Post Publiku — Piena — Appell — Art. 223 tal-Kap. 12**

*Il-piena viżwalizzata mill-liġi għall-offiżi għall-pudur publiku f'post publiku jew espost għall-publiku hija, kumulativament, dik tar-restrizzjoni tal-libertà personali u dik pekunjarja.*

*Imma fil-latitudini tal-piena għandha ssir differenza bejn każ ta' attijiet indeċenti kommessi f'ħin u f'lok li tkun kważi ħaġa żgura li jgħaddi xi ħadd u, bla ma jrid, jara dawk l-attijiet, u każ fejn il-post hu fl-istraman fejn, għalkemm possibbli, mhux probabbli li jaċċedi xi ħadd, u f'ħin inoltrat li jkompli jimmenoma dik il-probabilità.*

*Jekk l-attijiet indeċenti ġew kommessi minn żewġ persuni li ġew kundannati għall-istess piena għal dawk l-attijiet, u wieħed minnhom jappella u l-ieħor ma jappellax, u ċ-ċirkustanzi tal-każ ikunu jissuġġerixxu temperament fil-piena, ma għandux josta għall-applikazzjoni ta' dan it-temperament il-fatt li l-ħati l-ieħor ma appellax; għaliex ko-imputat ma jista' qatt jippreġudika lill-ieħor billi ma jappellax mentri l-ieħor jappella.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputata tal-li fir-Ramla, tal-Magħtab, limiti tal-Għargħur, fil-11 ta'

Awissu, 1954, għall xi s-1.15 a.m., offendiet il-pudur u l-morali f'lok espost għall-pubbliku;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-24 ta' Settembru, 1954, li sabitha ħatja u kkundannatha tmien tijiem priġunerija u £5 multa;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat, limitatament għall-piena, u talbet li, jew jiġi mogħti lilha l-benefiċċju ta' l-art. 23 Kap. 12 relativ għall-"first offenders", jew tiġi lilha nflitta piena minuri minn dik irrogata mill-Ewwel Qorti;

Trattat l-appell;

Wara li l-Qorti semgħet żewġ xhieda, biex tkun edotta miċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje;

Ikkunsidrat;

Il-fatt li tiegħu instabet ħatja l-imputata — offiża għall-pudur f'lok pubbliku jew espost għall-pubbliku — hu kontemplat fl-art. 223 Kap. 12: u l-piena viżwalizzata mill-liġi hi, kumulattivament, restrittiva tal-libertà personali u pekunjarja, ċjoè priġunerija sa żmien mhux aktar minn tliet xhur u multa;

Issa, għalkemm ma jidherx li hu l-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-art. 23, iċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje jissuġġerixxu mitigazzjoni tal-piena;

Infatti, għalkemm l-abbuż sesswali li ta lok għal din il-kawża jaqa' dejjem taħt l-artikolu fuq imsemmi, però, fil-latitudini tal-piena, għandha ssir differenza bejn każ ta' attijiet indeċenti kommessi f'ħin u f'lok li tkun ħaġa kważi żgura li jgħaddi xi ħadd u, bla ma jrid hu, jara dawk l-attijiet, u każ fejn il-post hu fl-istraman, fejn, għalkemm possibbli mhux probabbli li jaċċedi xi ħadd, u f'ħin tant inoltrat li jkompli jimmenoma dik il-probabilità. Hekk kien fil-każ preżenti, fejn l-attijiet saru f'karrozza ipparkjata f'post deżert — ir-Ramla tal-Magħtab, limiti tal-Għargħur — xi siegħa wara nofs il-lejl. Il-membri tal-Pulizija li raw dawn l-attijiet indeċenti ċertament għamlu d-dover tagħhom meta, insospettiti b'dik il-karrozza, resqu minn wara, xegħlu t-torch, u qabdu l-imputata u wieħed awstraljan fl-att tal-kojitu; imma l-

fatt li l-att gie skopert b'dan il-mod juri li, għalkemm publiċità indubbjament kien hemm, għax kien hemm il-potenzjalità ta' l-aċċess tal-publiku, eppure, dejjem għall-finijiet tal-latitudini tal-piena, il-grad tal-probabilità ta' l-iskandlu għall-publiku kien attenwat ferm. L-età ta' l-imputata, li għalqet tmintax il-sena ftit xhur ilu, tkompli tinklina lill-Qorti għal temperament fil-piena;

Iċ-ċirkustanza, imsemmija mill-Prosekuzzjoni, li s-suldat Awstraljan li kien f'kongress karnali ma' l-imputata gie kundannat għall-istess piena u ma appellax minnha, mhix ta' ebda valur; għax ko-imputat ma jista' qatt jippregudika lil ieħor għax ma jappellax, mentri dan ta' l-aħħar jappella;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens li l-piena tal-prigunerija tigi ridotta għal żmien ġurnata waħda; dik pekunjarja tibqa' kif inhi; b'dan li l-imputata tista' tħallasha żmien xahar millum.